# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Numru: 10**

**Citaz. Nru. 1729/01GV**

**P&S Limted**

**-vs-**

**Carmel Cassar Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) dovuta bhala rifuzjoni ta' depozitu mhallas fuq konvenju li skada fit-30 ta' April, 2001.

Premess illi ghalkemm interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Premess illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'iggib ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit (Dok. A).

Is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex:

1 tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 tiddikjara lis-socjeta' konvenuta vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) dovuta bhala rifuzjoni ta' depozitu mhallas fuq konvenju li skada fit-30 ta' April, 2001.

3 tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma fuq indikata.

Bl-ispejjes, bl'imghax legali mid-29 ta' Mejju, 2001 kontra is-socjeta' konvenuta millum.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci

Semghet ix-xhieda ta' Paul Vella;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici

Ezaminat l-atti tal-kawza

Billi mill-provi mhuxx kontradetti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata

Fil-kontumacja s-socjeta' konvenuta iddecida billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**